MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 365/2012

**Paul ABELA**

**vs**

**Alfred u Carmen SPITERI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mill-attur fl-14 ta' Mejju, 2012** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand il-konvenuti, tas-somma ta' elf mija tnejn u tletin euro (€1,132) u dan wara li ppremetta hekk:

"Li l-konvenuti jigu ordnati jhallsu lill-attur is-somma ta' €1,132.00 rappresentanti bilanc ta' prezz ta' installazzjoni ta' sistema ta' dawl u ilma gewwa r-residenza taghhom, liema xoghol gie debitament esegwit mill-attur u li l-konvenuti naqsu li jhallsu minghajr raguni valida, minkejja diversi interpellanzi u minkejja li l-konvenuti ircevew parti minn din is-somma minghand l-Awtorita tad-Djar taht skema ta' ghajnuna li applikaw ghaliha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali, kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fid-29 ta' Mejju, 2012, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar is-27 ta' Gunju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-27 ta' Gunju, 2012 u l-fatt li l-konvenuti naqsi li jidhru illum sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf mija tnejn u tletin euro (€1,132) in solidum bejniethom, bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------